# FIL-PRIM’ AWLA TAL-QORTI CIVIL

**IMHALLEF**

**ONOR. GEOFFREY VALENZIA B.A., LL.D.**

**Seduta ta’ nhar il-Gimgha, 26 ta’ April, 2002.**

**Kawza Numru: 22**

**Citaz. Nru. 2060/99GV/4**

Doc 244-02

**Francis Portelli**

**Vs**

**Frans Ghirxi bhala editur tal-gurnal l-Orizzont, Stefan Zahra**

**Il-Qorti.**

**Preliminari**

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz taghha gie premess li fi tlett ittri intitolati rispettivament “Bsaten fir-roti”, “Rizenja ta’ Sindku” u “Il-Qorti tatni ragun” ippublikati rispettivament fil-faccati 10, 11 u 10 tal-hargiet ta’ L-Orizzont datati rispettivament 1 ta’ April, 1999, 12 ta’ April, 1999 u 7 ta’ Settembru, 1999 (Dok. A, B, C) – ta’ liema publikazzjonijiet l-konvenut Frans Ghirxi huwa l-editur u Stefan Zahra huwa l-kittieb tal-ittri in kwistjoni, gew attribwiti fatti determinati foloz u malafamanti

fil-konfront tal-attur bl-iskop li joffendu l-unur u l-fama tieghu u li jesponuh ghar-redikolu jew ghad-disprezz tal-pubbliku;

Premess illi l-attur, bhala l-parti malafamata u offiza, ghandha d-dritt ghad-danni kontemplati fl-artikolu 28 tal-Ligi tal-Istampa (Kap. 248 tal-Ligijiet ta' Malta);

Ghaldaqstant l-attur talab lil din il-Qorti biex:

1 Tiddikjara illi l-publikazzjonijiet imsemmija Dokumenti A, B u C huma libelluzi u malafamanti fil-konfront tal-attur u jesponuh ghad-disprezz u ghar-redikolu tal-pubbliku;
2 Tikkundanna kwindi lill-konvenuti jew min minnhom ihallsu lill-attur dik is-somma li tiffissa l-istess Qorti f'ammont li ma jeccedix hamest elef lira Maltin (Lm5,000) bhala danni ghall-malafama b'applikazzjoni tal-artikolu 28 tal-Ligi tal-istampa (Kap. 248 tal-Ligijiet ta' Malta).

Bl-ispejjez, u bl-ingunzjoni tal-konvenuti ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni tal-attur a fol. 3 tal-process;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut Frans Ghirxi a fol. 12 tal-process fejn eccepixxa:

Illi hu sempliciment ta' spazju lil Stefan Zahra fil-kolonni tal-korrispondenza u dana dwar suggett ta' nteress pubbliku;

Illi l-eccipjent jaghmel tieghu l-eccezzjonijiet kollha li jaghti l-konvenut l-iehor Zahra;

Illi sostanzjalment il-kitba fiha kummenti fuq fatti li jistghu jigu pruvati;

Salv kull eccezzjoni ulterjuri spettanti lill-eccipjenti.

Rat in-nota ta' eccezzjonijiet tal-konvenut Stefan Zahra a fol. 16 fejn eccepixxa:

Illi l-ittri ndikati mill-attur fic-citazzjoni bl-ebda mod ma huma foloz jew malafamanti fil-konfront ta' l-attur u kwindi qatt ma jistghu jitqiesu, kif allegat, li joffendu l-unur u l-fama tieghu jew li jesponuh ghar-redikolu jew ghad-disprezz tal-pubbliku;

Illi jsegwi, riferibilment ghat-tieni talba, li m'hemm ebda danni li ghandhom jigu mhallsa lill-attur.

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Semghet lill Avukati difensuri jittrattaw:

**PROVI**

**Francis Portelli** xehed li l-inkwiet beda meta l-konvenut gie elett Sindku.

Hu hassu ngurjat bl-artikolu tal-1 ta' April, 1999 intitolat "Bsaten fir-roti" ghax il-konvenut iddeskrivih bhala persuna irresponsabbli biex jokkupa kariga ta' servizz u li hsiebu biss li jaghmel il-hsara. Hu pprova jitfa' dell ikrah fuqu meta qal li hu kien giet ammonit mill-Prim Ministru meta dan ma kien veru xejn.

Fl-ittra tat-12 ta' April, 1999 intitolata "Rizenja ta' Sindku" hu joggezzjona ghal kliem 'beda kampanja intensiva ta' allegazzjonijiet infondati kontrija' billi ried jaghti x'jifhem lil min jaqra l-artikolu li hu kien qed jigdeb u jghid affarijiet foloz kontrih u li hu kien irresponsabbli. Hu ried jiskreditah mal-Kunsill u man-nies tal-lokal.

Fl-ittra tas-7 ta' Settembru, 1999 intitolata "Il-Qorti tatni ragun" tkompli bl-istess vena biex il-konvenut jipprova jhammgu mal-pubbliku.

Kienet saritlu hsara tant li fl-elezzjonijiet li saru f'Novembru, 1999 hu ma giex elett.

**Stefan Zahra** xehed li fl-artikolu “Bsaten fir-roti” qal li l-attur beda jaghmel il-bsaten fir-roti ghax ma kienx gie elett bhala sindku. Hu kiteb fuq fatti li kienu qed jigru fil-Kunsill u anke nforma lill ufficju tal-Prim Ministru dwar dana (ara ittri fol. 47 u 46). Hu ma kienx waqqaf lill attur mill-progetti li kellu anzi dan kien jaghmel xogholijiet minghajr awtorizzazzjoni tal-Kunsill (ara ittri a fol. 44-45).

Dwar l-ittra “Rizenja ta’ Sindku” hu qal li l-attur kien qed johrog hafna stqarrijiet li ma kienux vera fejn qal li hu ma kienx kapaci fuq ix-xoghol. Kien qal dan id-diskors anke fil-kazin tal-Labour u s-segretarja kienet baghtitlu ittra fejn skuzat ruhha. Hu hass li minhabba l-attitudini li kien hemm kellu jwarrab. Fl-ahhar laqgha, meta rrezenja, l-attur kien anke pprova jhebb ghalih.

Dwar l-ittra “Il-Qorti tatni ragun”, hu rrefera ghal kaz meta l-attur kien ghamillu kawza kriminali u kien gie liberat.

L-artikoli li kiteb huma bazati fuq il-fatti li graw u d-dokumenti ezibiti.

**Kevin Borg,** segretarju tal-Kunsill, ikkonferma li l-konvenut ma kienx waqqaf progetti ta’ l-attur. Ikkonferma wkoll li kien inqala’ l-inkwiet u anke glieda bejn il-partijiet.

## KONSIDERAZZJONIJIET

Il-konvenuti qed jeccepixxu li sostanzjalment il-kitba fiha kummenti fuq fatti li jistghu jigu pruvati. Inoltre Illi l-ittri ndikati mill-attur fic-citazzjoni bl-ebda mod ma huma foloz jew malafamanti fil-konfront ta’ l-attur.

“Gurisprudenza recenti (tal-Qorti Ewropeja) wessghet sensibilment l-arja ta' legittimita' tad-dritt ta' espressjoni kif dik kienet delimitata mill-ligijiet u gurisprudenza ta' dawn il-Qrati, specjalment ghal dawk li huma d-drittijiet ta' espressjoni permezz tal-Istampa".

Gurisprudenza recenti tal-Qrati taghna qieset f'liema kazijiet il-Qorti "*ghandha tippermetti latitudini fil-kritika li tista' tkun mhux biss iebsa imma wkoll azzardata entro i termini accettati tad-decenza permissibli f'socjeta' demokratika".*

Il-principji li ghandhom liberament jigu applikati huma f'dawk il-kazijiet fejn:

1. Il-persuna li lejha tkun indirizzata l-kritika tkun ta' certa notorjeta' pubblika;

2. Fejn il-kritika tkun ta' interess pubbliku anke jekk tikkoncerna l-hajja privata tal-persuna pubblika;

3. Fejn il-kritika tkun bazata fuq u mibnija madwar fatti li jkunu sostanzjalment veri.

Dwar l-ahhar kaz il-konvenut irid jipprova li:

1. *The statements of fact are true or that there has been no misstatement of facts in the statement of the materials upon which the comment was based; and*

2. *The comment based on such facts is warranted in the sense that fair minded men might buona fide hold the opinion expressed upon them.*

(Ara sentenzi App Civ. Fenech vs Callus et 4.2.94; App Civ. Sant vs Camilleri et 14.2.94; App Civ. Mons.A.Gauci vs M.Schiavone et 8.11.95).

**Tikkunsidra**

Illi fil-kaz in ezami jirrizulta li minn meta l-konvenut sar sindku kien inqala' nkwiet bejn l-attur u s-sindku u anke l-Kunsill. Skond il-konvenut dana gara ghaliex l-attur ma telghax sindku mentri l-attur qed isostni li l-inkwiet inqala' ghax il-konvenut ma kienx qed jaccetta kritika kostruttiva li kienet qed issirlu mill-attur.

Il-konvenut gab provi li l-attur kien qed jaghmel allegazzjonijiet mhux veritieri fil-konfront tieghu fil-Kunsill u anke barra mill Kunsill u minhabba f'hekk il-konvenut kellu jirrapporta lill attur ma l-awtoritajiet. Il-konvenut gab ukoll provi li l-attur ma kienx qed jimxi skond id-direttivi tal-Kunsill u kien qed jaghmel xoghol li ma kienx awtorizzat mill Kunsill. Anke fejn kienet intbghatet ittra anonima, mill-investigazzjonijiet li saru rrizulta li l-kontenut ta' din l-ittra kien jirrispekkja l-verita'. Minhabba l-attitudini ta' l-attur il-konvenut ma setghax ikompli fil-kariga tieghu u kellu jirrizenja. Kien fl-isfond ta' dawn ic-cirkostanzi u fatti li l-konvenut kiteb l-ittri li l-attur qed joggezzjona ghalihom, liema ittri kienu jitkellmu dwar fatti li kienu qed jigru fil-Kunsill u barra mil-Kunsill.

Illi wara li qieset il-provi l-Qorti hi tal-fehma li sostanzjalment il-kitba fiha kummenti fuq fatti li graw u gew pruvati u li l-kitba ma teccediex il-limiti msemmija fil-gurisprudenza fuq kwotata, u f'dan is-sens ghalhekk l-artikoli m'humiex malafamanti u ma jistghux jaghtu lok ghall danni.

Kwantu ghal konvenut Frans Ghirxi l-Qorti tikkonkludi li dan sempliciment ta' spazju lil Stefan Zahra fil-kolonni tal-korrispondenza u dana dwar suggett ta' interess pubbliku li fil-fatt jirrizulta li ma kienx malafamanti.

## DECIZJONI

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tiddeciedi billi tichad it-talba ta’ l-attur bl-ispejjez kontra tieghu.

**ONOR. IMHALLEF GEOFFREY VALENZIA B.A., LL.D**

**Frankie Mercieca**
**Deputat Registratur.**